

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex ngħixu l-esperjenza tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni b'mod aktar profond, ħalli nduqu l-ħniena bla qies ta' Alla.

**Qari**: *Il-Papa Franġisku waqt udjenza ġenerali fi Pjazza San Pietru fid-19 ta' Frar 2014*

Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni hu sagrament li jfejjaq. Meta jien immur inqerr, dan nagħmlu biex infiq, infejjaq ruħi, infejjaq qalbi u xi ħaġa li nkun għamilt li mhix tajba. L-aħjar xbieha Biblika biex infissruhom, fir-rabta qawwija ta' bejniethom, hi l-episodju tal-maħfra u tal-feqjan tal-mifluġ, fejn il-Mulej Ġesù jidher bħala tabib tar-ruħ u tal-ġisem fl-istess waqt.

.....Jien ma nistax ngħid: Naħfer id-dnubiet tiegħi. Il-maħfra rridu nitolbuha, nitolbuha lil xi ħadd ieħor, u fil-Qrar nitolbu maħfra lil Ġesù. Il-maħfra mhix frott it-tħabrik tagħna, imma hi rigal, hi don tal-Ispirtu s-Santu, li jimliena b'xita ta' ħniena u ta' grazzja li tinżel bla waqfien minn ġol-qalb miftuħa ta' Kristu li miet u rxoxta. It-tieninett, tfakkarna li nistgħu nkunu tabilħaqq fil-paċi biss jekk inħallu lill-Mulej Ġesù jirrikonċiljana mal-Missier u ma' ħutna. Dan kollu nħossuh f'qalbna meta mmorru nqerru, b'qalbna tqila, xi ftit imdejqin. Meta nirċievu l-maħfra ta' Ġesù, inħossuna fil-paċi, dik il-paċi tar-ruħ hekk sabiħa li Ġesù biss jista' jagħtina, Hu biss.

Mulej, nirringrazzjak talli tħobbna b'imħabba ta' missier,
talli turi ħniena magħna minkejja li nibqgħu niżbaljaw.
Mulej, ninsab quddiemek biex nitolbok maħfra,
b'qalbi mimlija sentimenti ta' ndiema
u ta' fiduċja fil-ħniena u l-imħabba kbira tiegħek.
Għalhekk nitolbok bi kliem is-salmista:
"Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.

Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi.
Għax jien nagħrafhom ħtijieti;
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
Kontrik biss jiena dnibt,
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt." (Salm 51)

Agħtini l-grazzja, Mulej, biex kull meta naqa' fid-dnub,
ikolli l-kuraġġ indur lejk u nitlob il-ħniena kbira tiegħek,
il-maħfra tiegħek, u biex immur inqerr ħalli nfiq
u biex ruħi u qalbi jfiqu mill-ħażen li nkun għamilt.
Nitolbok, Mulej, biex tilqagħni f'dirgħajk miftuħin beraħ
għax jiena dnibt u agħtini l-grazzja li nindem tassew.
B'hekk inkun nista' nikseb it-tama ta' ħelsien, ta' bidu ġdid,
u nduq il-ħniena u l-imħabba kbira tiegħek.
Agħtini l-grazzja o Alla, biex permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni,
nirrikonċilja ruħi miegħek, u ma' ħuti li jien inkun inqast.
Għinni, Mulej, biex indur lejk
ħalli nerġa' nduq il-ħelsien mill-jasar tad-dnub,
kif ukoll l-imħabba tiegħek bla tarf.

**KANT**

**Qari**: *Il-Papa Franġisku waqt udjenza ġenerali fi Pjazza San Pietru fid-19 ta' Frar 2014*

Niċċelebraw is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jfisser li nħallu tgħanniqa kollha mħabba ddawwarna: hi t-tgħanniqa tal-ħniena bla tarf tal-Missier. Niftakru f'dik il-parabbola hekk sabiħa tal-iben li telaq mid-dar bil-flus tal-wirt; nefaq il-flus kollha fil-ħela u mbagħad, meta ma kien għad fadallu xejn, iddeċieda li jmur lura d-dar, mhux bħala iben, imma bħala qaddej. Kemm ħass ħtija u mistħija f'qalbu! Is-sorpriża kienet li meta fetaħ ħalqu biex jitlob maħfra, il-missier ma ħalliehx jitkellem, imma għannqu miegħu, biesu u għamillu festa. U jien ngħidilkom: kull darba li aħna mmorru nqerru, Alla jgħannaqna miegħu, Alla jagħmlilna festa! Ejjew nimxu f'din it-triq.

Għinni, Mulej, sabiex kull meta naqa’ fid-dnub
minħabba d-dgħufija tiegħi, inkun kapaċi ngħolli jdejja,
sabiex inti teħodhom f’tiegħek u tgħinni nqum.
Għinni biex nifhem li int tkun qiegħed hemm tistennieni,
li int dejjem lest biex tħaddanni miegħek,
biex tagħmel festa għax jien inkun erġajt lura,
u nkun nista’ nibda ħajja ġdida,
biex nilqgħek f’qalbi u f’kull mument ta’ ħajti.
Mulej, Alla tiegħi, inti l-għasluġ tiegħi,
il-Ħellies tiegħi. Inti s-serħan tiegħi.

“Int li tħobb il-qalb sinċiera,
għallimni l-għerf fil-fond ta’ qalbi.
Roxxni bl-ilma, u nissaffa;
aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.
Agħmel li nisma’ l-ferħ u l-hena,
biex għadmi, li int sħaqt, jithenna.
Dawwar wiċċek minn ħtijieti;
ħassar ħżuniti kollha.
Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni. (Salm 51)

Mulej, nirringrazzjak talli permezz tal-maħfra tiegħek
nintela’ bl-Ispirtu Qaddis tiegħek u bil-hena,
u nerġa’ nsir ħolqien ġdid.
Permezz tal-ħniena kbira tiegħek,
jerġa’ jkolli qalb ġdida, ruħ ġdida, u ħajja ġdida.
Mulej, agħtini l-grazzja biex nifhem
li kull midneb maħfur hu msejjaħ biex jaqsam
il-ħniena u l-maħfra li jkun daq
permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni
ma’ kull min jiltaqa’ miegħu.

Għinni, Mulej, ħalli kull meta nirċievi l-grazzja divina,
permezz ta' dan is-sagrament ta' fejqan,
nipprova ngħix ħajja li żżommni dejjem qrib tiegħek,
u b'hekk inkun nista' ngħin u nħajjar
lill-oħrajn jersqu iżjed qrib tiegħek.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk, Mulej, sabiex taqlgħalna l-grazzja li meta nidinbu, inkunu dejjem lesti li nersqu lejk permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, għinna nifhmu li lkoll kemm aħna għandna bżonn il-maħfra tiegħek, għax hi l-ikbar sinjal tal-ħniena tiegħek. Agħtina l-grazzja li aħna wkoll inkunu xhieda tal-maħfra tiegħek, li ssaffi l-qalb u tibdel il-ħajja.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Agħtina l-grazzja Mulej li nixxennqu biex inħossu l-ħlewwa, l-imħabba u l-ħniena tiegħek u b'hekk inkunu dejjem lesti li nerġgħu lura għandek b'qalbna kollha.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Għinna, Mulej, biex nilqgħu l-istedina tiegħek u nħalluk tħabbibna miegħek, biex insiru ħolqien ġdid u nkunu nistgħu naqsmu l-ħniena tiegħek fost ħutna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.